**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 202/11VG**

**Schembri & Sons Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**Illum 22 ta' Mejju 2017**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Schembri & Sons Limited fil-25 ta' Awwissu 2011 permezz ta' liema titlob li t-Tribunal ihassar u jirrevoka l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 mahruga fil-konfront taghha u konsegwentement jiddikjara li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa ma ghandhiex tikkostitwixxi stat fil-konfront taghha u li l-prezz indikat fl-att ta' l-akkwist tas-sehem ta' zewg terzi (2/3) indivizi tas-sit fabbrikabbli li jmiss mit-tramuntana ma' Triq il-Liedna, mill-Lvant ma' Triq il-Gizi u min-Nofsinhar ma' Triq Zabbar gewwa l-Fgura, fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 22 ta' Frar 2007, huwa l-prezz tas-suq gust u reali ghal tali sehem, bl-ispejjez kontra il-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra r-Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni permezz ta' liema jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 u jitlob li l-istess jigi michud, bl-ispejjez kontra s-socjetà Rikorrenti, stante li d-decizjoni mehuda minnu u l-Likwidazzjoni maghmula minnu huma gusti u saru skond il-Ligi;

Ra li b'Digriet moghti fit-8 ta' Marzu 2012[1], it-Tribunal ordna korrezzjoni fir-Rikors promotur kif ukoll kull fejn mehtieg fl-atti, fis-sens illi l-Kummissarju

[1] Fol. 18 tal-process.

tat-Taxxi Interni jigi indikat bhala l-Kummissarju tat-Taxxi u dan a tenur ta' l-Att XXII ta' l-2011 li dahal fis-sehh in forza ta' l-Avviz Legali 16 ta' l-2012;

Ra li b'Digriet moghti fil-5 ta' Dicembru 2012[2] il-kawza giet differita *sine die* u ra li b'Digriet moghti fl-24 ta' Jannar 2013[3] il-kawza regghet giet riappuntata ghas-smigh ghall-11 ta' April 2013 fil-11:15a.m.;

Ra li b'Digriet moghti fil-25 ta' Lulju 2016[4], it-Tribunal ordna korrezzjoni f'footnote 1 tar-Rikors promotur fis-sens illi tigi kkancellata r-referenza PF2095/07 IR(S) 1492/08 Claim No. 103522 u minflok titnizzel ir-referenza 1069/99 IR(S) 3648/09 Claim No. 110481;

Ra l-affdiavits ta' Johann Farrugia u ta' Frank Schembri esebiti mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fit-12 ta' Gunju 2013 a fol. 30 sa' 34 tal-process, ra d-dokumenti markati Dok. "CTD1" sa' Dok. "CTD8" esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota pprezentata fit-3 ta' Marzu 2015 a fol. 45 sa' 62 tal-process, sema' x-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo moghtija waqt is-seduta tat-8 ta' Lulju 2015[5] u x-xhieda ta' Johann Farrugia moghtija waqt is-seduta tad-9 ta' Dicembru 2015[6] u ra d-dokumenti, ossia sentenza fl-ismijiet "Banju Boutique Limited v. Albert Mizzi et" Citaz. Nru. 444/06 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2006 u s-sentenza fl-ismijiet "Joseph Baldacchino et v. Frank Schembri et" Citaz. Nru. 14/09 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 2010, esebiti mis-socjetà Rikorrenti permezz ta' Nota pprezentata fid-29 ta' Dicembru 2015 a fol. 79 sa' 91 tal-process;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà Rikorrenti pprezentata fit-12 ta' Mejju 2016 a fol. 95 sa' 100 tal-process u ra n-Nota Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi pprezentata fil-25 ta' Lulju 2016 a fol. 102 sa' 106 tal-process;

Ra l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 22 ta' Frar 2007, is-socjetà Rikorrenti akkwistat minghand Albert Mizzi u Hilda Mizzi is-sehem ta' zewg terzi (2/3) indivizi tas-sit fabbrikabbli li minn naha minnhom jaghti fuq Triq il-Gizi u minn naha ohra jaghti fuq Triq il-Liedna gewwa l-Fgura, konfinanti mit-tramuntana ma' Triq il-Liedna, mill-Lvant ma' Triq il-

---

[2] Fol. 22 tal-process.

[3] Fol. 23 tal-process.

[4] Fol. 101 tal-process.

[5] Fol. 70 sa' 72 tal-process.

[6] Fol. 75 sa' 78 tal-process.

Gizi u min-Nofsinhar ma' Triq Haz-Zabbar, verso l-prezz ta' €51,246.21. Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rcieva l-Avviz ta' dan it-trasferiment fil-11 ta' Frar 2009[7] u ghadda biex jinkariga Perit ghall-fini li jaghti stima tal-valur reali tas-sehem indiviz akkwistat mis-socjetà Rikorrenti tas-sit fabbrikabbli in kwistjoni, fiz-zmien tat-trasferiment. Il-Perit Cacopardo ivvaluta s-sit fabbrikabbli fl-intier tieghu fiz-zmien tat-trasferiment, ossia fl-2007, ghall-valur ta' €1,750,00[8], liema valur kien wiehed *best of judgment* peress illi hadd qatt ma attenda ghall-appuntamenti ffissati mill-Perit Cacopardo. In segwitu u fid-dawl ta' tali stima l-Kummissarju tat-Taxxi Interni hareg Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti fir-rigward tas-sehem ta' 2/3 indivizi minn dan is-sit fabrikabbli permezz ta' liema talabha thallas is-somma ta' €55,770 fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €1,115,400.00 flimkien mas-somma ta' €55,770 bhala taxxa addizzjonali/penali[9]. Is-socjetà Rikorrenti oggezzjonat ghal din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa permezz ta' ittra ta' oggezzjoni datata 24 ta' Awwissu 2009[10], izda l-istima tal-Perit Cacopardo giet ikkonfermata stante li mill-gdid hadd ma attenda ghall-appuntamenti ffissati mill-Perit u ghalhekk huwa kkonferma l-istima originali[11]. B'decizjoni ta' rifjut ta' oggezzjoni datata 20 ta' Lulju 2011[12], il-Kummissarju tat-Taxxi Interni rrifjut l-oggezzjoni tas-socjetà Rikorrenti u minflok ikkonferma l-Likwidazzjoni ta' Taxxa kif mahruga fil-konfront taghha. Wara din id-decizjoni l-Kummissarju tat-Taxxi Interni mill-gdid hareg il-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 fil-konfront tas-socjetà Rikorrenti fejn mill-gdid tenna t-talba tieghu ghall-hlas tas-somma ta' ta' €55,770 fuq il-valur addizzjonali taxxabbli ta' €1,115,400.00 flimkien mas-somma ta' €55,770 bhala taxxa addizzjonali[13].

Bil-proceduri odjerni s-socjetà Rikorrenti tikkontesta l-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 u essenzjalment titlob li l-imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa tigi revokata u kkancellata *in toto*. Hija tibbaza l-appell taghha minn din il-Likwidazzjoni ta' Taxxa a bazi ta' l-aggravju li l-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni qatt ma seta' jaghti stima tal-valur reali tas-sit fabbrikabbli gewwa l-Fgura u tanto meno tas-sehem ta' zewg terzi (2/3) indivizi minn dan is-sit akkwistat minnha in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 22 ta' Frar 2007, ghar-raguni li qatt ma sar access proprju fl-imsemmi sit peress illi dan is-sit, u per konsegwenza is-sehem indiviz akkwistat minnha, qatt ma seta' jigi ben identifikat, la mir-rapprezentant tas-socjetà u wisq inqas mill-Perit inkarigat mill-Kummissarju, peress illi jifforma parti minn wirt li ilu indiviz ghal ghexieren twal ta' snin u jezistu problemi dwar lil min isejjah il-wirt u f'xiex jikkonsisti, tant illi hemm ukoll problemi dwar jekk min biegh is-sehem indiviz kienx proprjetarju ta' l-

[7] Dok. "CTD1" a fol. 46 sa' 50 tal-process.
[8] Dok. "CTD2" a fol. 51 tal-process.
[9] Dok. "CTD3" a fol. 52 tal-process.
[10] Dok. "CTD4" a fol. 53 u 54 tal-process.
[11] Dok. "CTD7" a fol. 57 tal-process.
[12] Fol. 60 sa' 62 tal-process.
[13] Dok. "CTD8" a fol. 58 u 59 tal-process.

assi mibjugha. Tant is-sit ma setghax jigi identifikat li l-access ma nzammx u ma kellux jinzamm access iehor sakemm ma jigix identifikat bl-ezatt fejn jinsab dan is-sit, izda l-Perit inkarigat mill-Kummissarju arbitrarjament ghadda biex jaghti stima ta' €1,750,000. Apparte minn hekk meta bdiet tizviluppa s-sit in kwistjoni, inhareg fil-konfront taghha Mandat ta' Inibizzjoni li gie milqugh b'mod definittiv u anke saret kawza ta' spoll fil-konfront taghha minn Joseph Baldacchino u ohrajn, liema kawza giet deciza favur l-istess Baldacchino b'sentenza fl-ismijiet "Joseph Baldacchino et v. Frank Schembri et" Citaz. Nru. 14/09 deciza fil-11 ta' Jannar 2010.

Il-Kummissarju tat-Taxxi jopponi ghall-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 u jitlob li l-istess jigi michud stante li d-decizjoni mehuda minnu u l-Likwidazzjoni mahruga minnu huma gusti u saru skond il-Ligi.

In sostenn ta' l-aggravji taghha s-socjetà Rikorrenti ressqet bhala xhud principali lil Johann Farrugia li apparte li spjega kif u minghand min is-socjetà Rikorrenti akkwistat is-sehem ta' zewg terzi (2/3) indivizi mis-sit fabrikabbli fi Triq il-Liedna, Fgura, xehed illi *allavolja ahna dejjem qalulna li kellu jkollna mohhna mistrih li l-wirt li konna qieghdin nixtru ma kienx hemm problemi dwaru, sibna illi meta bdejna nippruvaw nizviluppaw partijiet mill-beni imsemmija fil-wirt li konna xtrajna, u cioè l-ghalqa f'Tal-Liedna l-Fgura u kif ukoll ghalqa ohra hdejn l-istores tal-Banju Boutique gewwa Rahal Gdid, illi hekk kif ippruvajna nehduhom f'idejna gejna affaccjati b'kawza ghal spoll ghal dak li ghandu x'jaqsam l-art tal-Liedna liema kawza ahna tlifniha però li ahna appellajniha u llum hija pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u kawza ta' jattanza in konnessjoni mal-bicca art f'Rahal Gdid hdejn l-istores ta' Banju Boutique illi minhabba l-problemi li bdew jinqalghu billi fiz-zewg kazijiet l-atturi f'dawk il-kawzi kienu qed jikkontendu illi z-zewg artijiet ma kienux taghna imma taghhom, ahna bqajna m'ghamilniex il-kawza ghall-prova li l-art ta' Rahal Gdid kienet taghna. Wara li nholqu dawn il-problemi sirna nafu illi n-Nutar Pierre Falzon kien involut f'diversi kawzi kriminali kontra tieghu u bdejna nissusspettaw illi r-ricerki li kien ghamel u l-assikurazzjonijiet li taghna illi l-wirt li konna xtrajna bl-artijiet imsemmija fih ma kellu l-ebda problemi, ma kien minnu xejn u li stajna nfaqna hafna flus biex flok nixtru l-artijiet imsemmija fil-kuntratt xtrajna minflok l-inkwiet u l-kawzi. In segwitu ta' dan konna rcevejna ittra mibghuta mill-Avukat tal-Gvern imqabbad mis-sezzjoni tal-gbir tal-bolla tat-trasferiment mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u cioè l-Perit Carmel Cacopardo sabiex dan jaghmel stima tal-proprjetà illi deher li ahna akkwistajna bil-kuntratti in kwistjoni meta xtrajna dan il-wirt u meta ltqajna hu kien gie imsejjah fuq bicca art li lanqas biss kienet imsemmija fil-kuntratti li permezz taghhom xtrajna l-wirt izda fuq bicca art ta' Giorni li ma kellha x'taqsam xejn. Il-Perit kien insista biex nghaddulu l-pjanti tad-diversi artijiet imsemmija li kienu jiffurmaw parti mill-wirt minna akkwistat permezz ta' dawn il-kuntratti però meta saru dawn il-kuntratti ma kien hemm l-ebda pjanti annessi maghhom u allura dak li talabna n-Nutar ma stajniex nghadduh lilu.*

*X'ghamel wara u kif wasal ghall-konkluzjoni li l-artijiet imsemmija fil-kuntratti kienu jiswew ferm oghla mill-wirt kollu li xtrajna m'ghandi l-ebda idea ghax kull ma naf hu illi habta u sabta nircievu speci ta' kont mill-Ufficcju tat-Taxxi Interni fejn dawn ikkonkludew illi l-prezz illi bih xtrajna l-wirt kollu kien hafna inqas minn paritjiet mill-eluf ta' Ewro li skond id-Dipartiment kien jirrapprezenta l-bolla li kellha tigi mhallsa ghax il-valur imsemmi fil-kuntratt ta' l-akkwist kien bil-bosta inqas mill-istima li kien hareg il-Perit Cacopardo jew forsi xi Perit jew Periti ohra imqabbda ghal dan il-fini mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Ghandi nghid ukoll illi wara dik l-okkazzjoni iehor li ltqajt mal-Perit Cacopardo f'sit gewwa San Gwann li kif ghidt ma kienx jifforma parti mill-proprjetà imsemmija fil-wirt li xtrajna, qatt ma rcevejna xi komunikazzjonijiet ohra minghand il-Perit Cacopardo, xi Perit jew Periti ohra mqabbda mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghal skop ta' stima jew il-Kummissarju tat-Taxxi Interni nnfisu biex ahna nakkompanjawhom sabiex dawn jaghtu l-istejjem taghhom u kull ma ircevejna kien il-kont li huwa ezebit fl-atti tar-Rikors in kwistjoni*[14].

In kontro-ezami Johann Farrugia baqa' jinsisti fuq il-problemi li s-socjetà Rikorrenti tikkontendi li ffaccjat in konnessjoni ma' l-artijiet jew ishma minn artijiet li xtrat minn dan il-wirt u fuq il-fatt li skonthom in-Nutar Pierre Falzon ma ghamilx xogholu kif suppost, fuq il-fatt li b'sentenza pronuncjata mill-Qorti s-socjetà tilfet id-drittijiet taghha fuq is-sit f'Tal-Liedna l-Fgura u in risposta ghall-mistoqsija *minn dak iz-zmien sa' llum intom zvilupp, bhala permessi jew talba li tohrog xi haga?* wiegeb *xejn qas pjanti ghax l-uniku wahda li kienet daqsxejn cara minhabba li t-toroq kien qishom jikkorrispondu kienet "Tal-Liedna" u fuq dik imbaghad kien hemm decizjoni u waqaf kollox u ma kien hemm xejn aktar.*

Is-socjetà Rikorrenti esebiet ukoll is-sentenza fl-ismijiet "Banju Boutique Limited v. Albert Mizzi et" Citaz. Nru. 444/06 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Lulju 2006 u s-sentenza fl-ismijiet "Joseph Baldacchino et v. Frank Schembri et" Citaz. Nru. 14/09 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-11 ta' Jannar 2010[15], li skontha jimpingu direttament fuq dan il-kaz.

Is-socjetà Rikorrenti ressqet ukoll bhala xhud taghha lill-Perit Carmel Cacopardo, il-Perit inkarigat mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni ghall-fini li jaghti stima tal-valur reali tal-proprjetà, jew ahjar tas-sehem ta' zewg terzi (2/3) indivizi mis-sit fabbrikabbli fil-Fgura li minn naha jaghti fuq Triq il-Gizi u minn naha l-ohra jaghti fuq Triq il-Liedna, fiz-zmien tat-trasferiment, illi xehed dwar kif wasal ghall-valur ta' €1,750,000 pertinenti ghall-kaz in ezami. Fir-rigward il-Perit Cacopardo ddikjara li *l-art tal-Fgura kien hemm deskrizzjoni kwazi preciza fin-Notary's Abstract minhabba li kienet tghid fejn jiltaqghu dawn iz-zewg toroq u allura stajt nasal ghaliha, però site plan ma*

[14] Affidavit ta' Johann Farrugia a fol. 31 sa' 33 tal-process.
[15] Nota a fol. 79 sa' 91 tal-process.

*kellix lanqas. Jien nahseb li l-art li identifikajt nahseb li hi korretta però ma nafx liema wahda jekk il-bicciet li hemm humiex kollha inkluzi jew le ghaliex din hija l-intersection bejn Triq il-Gizi u Triq il-Liedna, il-Fgura, fejn hemm numru ta' bicciet on either side ta' l-art, jidher li t-triq ghaddiet minn go' l-art u hemm bicca shiha kbira ghaliha u n-naha l-ohra hemm bicca zghira, imbaghad in-naha l-ohra hemm bicca ohra. Din l-istess. L-ewwel haga jiena ghamilt tlett appuntamenti u hawnhekk ghandi nota ta' appuntament nhar it-30 ta' April tas-sena 2009, tal-21 ta' Mejju tas-sena 2009 u tat-13 ta' Lulju tas-sena 2009 u ma gie hadd.* In risposta ghall-mistoqsija *lil min indirizzajtha jekk joghgbok?* il-Perit irrisponda *Schembri & Sons Limited, Triq Hal Far, Benghajsa, Birzebbugia. Fil-fatt sussegwentement, niftakar li meta nghatajt l-objection u tajt appuntament iehor u rega' ma gie hadd, fuq il-file ktibt nota li qabel ma nerga' mmur isaqsihom x'ha jaghmlu, min se jigi u jikkomunika mieghi bit-telefon halli ma nergax noghoq immur ghalxejn.* In risposta ghall-mistoqsija tat-Tribunal *jigifieri dan kien best of judgment ukoll, jigifieri din il-valutazzjoni jekk joghgbok?* il-Perit Cacopardo wiegeb *iva kienet best of judgment ukoll u principalment ghax ma gie hadd ghax nahseb li l-art hija identifikata b'mod korrett. Qed nara l-minuta numru 4 fil-file datata 2 ta' Ottubru tas-sena 2009 fejn jien ktibt "prior to proceeding further please note that site plans submitted with documents for my consideration is incorrect nor is the site area indicated anywhere. Would appreciate having this information before proceeding" u dik l-information ma giet qatt.*

In kontro-ezami u b'referenza ghall-fatt li seta' kien hemm kawza pendenti fir-rigward ta' dan is-sit, il-Perit Cacopardo xehed illi *d-diffikultà li tinxtara proprjetà li hemm litigazzjoni fuqha ovvjament at the end of the day jista' jkun li ma xtara xejn imma dik ma hijiex bicca tieghi. Imma l-issue tal-valur li jirrifletti fil-valur ghax qieghed tixtri proprjetà bil-problemi fuqha jirrifletti mhux fuq il-valur tas-suq, il-valur tas-suq jibqa' li hu. Is-subjective value huwa l-valur ghalik ghax inti qieghed tiehu r-riskju w allura l-valur ghalik huwa inqas mill-valur tas-suq. Dak huwa differenti imma ghalija u skond kif tobbligani l-Ligi, il-valur tas-suq ma taghmillix differenza kemm hemm litigazzjoni.* B'referenza ghas-site plan esebita a fol. 55 tal-process u jekk hijiex is-sit in kwistjoni, il-Perit Cacopardo xehed *iva, din is-site plan tikkorispondi imma ma jidhirlix li qatt giet ghandi din* u in risposta ghall-mistoqsija dwar x'gara wara li huwa dahhal il-minuta numru 4, il-Perit wiegeb *wara l-minuta tieghi numru 4 tat-2 ta' Ottubru tas-sena 2009, jiena tajt appuntament u hadd ma gie, din hija datata 16 ta' Frar, imbaghad ma hemm xejn izjed noti minghandi.*

Fid-dawl tax-xhieda tal-Perit Carmel Cacopardo li huwa prattikament konvint mill-fatt li l-istima li huwa ghamel tirreferi ghas-sit fabbrikabbli sitwat il-Fgura li minn naha jaghti fuq Triq il-Gizi u minn naha ohra jaghti fuq Triq il-Liedna u li minnu s-socjetà Rikorrenti akkwistat sehem ta' 2/3 indivizi, u fid-dawl tan-nuqqas ta' provi kuntrarji sodisfacenti u konvincenti da parte tas-socjetà Rikorrenti, it-Tribunal qajla jista' jasal ghall-konkluzzjoni li kif tippretendi s-socjetà Rikorrenti l-istima tal-Perit Cacopardo u l-konsegwenti

Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IVIV110481, liema stima tirreferi ghas-sehem ta' 2/3 indiviz akkwistat mis-socjetà Rikorrenti, huma eccessivi.

Kuntrarjament ghal dak dikjarat minn Johann Farrugia, l-istima tal-Perit Cacopardo f'dan il-kaz ma kenitx stima *best of judgment* ghaliex is-sit li minnu is-socjetà Rikorrenti akkwistat sehem ta' 2/3 indivizi ma kienx ben identifikabbli izda ghaliex is-socjetà Rikorrenti ripetutament injorat l-avvizi ta' appuntament mibghuta lilha mill-Perit u qatt ma attendiet ghall-istess appuntamenti, fatt dan li ma gie bl-ebda mod kontradett mis-socjetà Rikorrenti. Kuntrarjament ghal dak dikjarat minn Johann Farrugia fl-affidavit tieghu, is-sit f'Tal-Liedna, il-Fgura, kien identifikabbli ghar-raguni li min-Notary's Abstract, li huwa estratt tad-deskrizzjoni kif moghtija min-Nutar li ippubblika l-att ta' trasferiment moghtija fl-Avviz ta' Trasferiment Inter Vivos ta' Proprjetà Immobbli li ghandu jinghata ai termini tal-Kap.364 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizultaw mhux biss it-toroq li fuqhom jaghti dan is-sit, izda addirittura l-konfini ta' l-istess. In effetti in kontro-ezami l-istess Johann Farrugia ddikjara li *l-uniku wahda li kienet daqsxejn cara minhabba li t-toroq kien qishom jikkorrispondu kienet "Tal-Liedna" u fuq dik imbaghad kien hemm decizjoni u waqaf kollox u ma kien hemm xejn aktar*, izda kuntrarjament ghal dak minnu pretiz, il-kawzi li jaghmel referenza ghalihom u li s-sentenzi relattivi gew esebiti fl-atti ta' dawn il-proceduri permezz ta' Nota ipprezentata fid-29 ta' Dicembru 2015, ma jimpingux fuq dawn il-proceduri u/jew fuq l-identifikazzjoni tas-sit li minnu s-socjetà Rikorrenti akkwistat sehem ta' 2/3 indivizi u dana billi: (i) is-sentenza fl-ismijiet "Banju Boutique Limited v. Albert Mizzi et" Citaz. Nru. 444/06 deciza fis-7 ta' Lulju 2006, tirreferi ghal art sitwata r-Rahal Gdid, liema art assolutament ma ghandha x'taqsam xejn ma' dak akkwistat mis-socjetà Rikorrenti bis-sahha tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 22 ta' Frar 2007 stante li kuntrarjament ghal dak dikjarat minn Johann Farrugia, in forza ta' l-imsemmi kuntratt is-socjetà Rikorrenti akkwistat **biss** sehem ta' 2/3 indivizi mis-sit fabbrikabbli li minn naha minnhom jaghti fuq Triq il-Gizi u minn naha ohra jaghti fuq Triq il-Liedna gewwa l-Fgura, konfinanti mit-tramuntana ma' Triq il-Liedna, mill-Lvant ma' Triq il-GIzi u minn nofsinhar ma' Triq Haz-Zabbar, u xejn iktar; u (ii) is-sentenza fl-ismijiet "Joseph Baldacchino et v. Frank Schembri et" Citaz. Nru. 14/09 deciza fil-11 ta' Jannar 2010, liema sentenza incidentalment kienet giet ikkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronuncjata fil-11 ta' Novembru 2011, ossia qabel il-prezentata ta' l-affidavit ta' Johann Farrugia u qabel il-prezentata tan-Nota tad-29 ta' Dicembru 2015, izda ghal xi raguni ma gietx esebita b'mod formali f'dawn il-proceduri, bl-ebda mod ma tistabilixxi b'mod konkret ta' min hu t-titolu fuq il-proprjetà mertu ta' dawk il-proceduri in kwantu dawk kienu proceduri ta' spoll u fi kwalunkwe kaz it-Tribunal ghandu dubji kbar hafna kemm il-proprjetà mertu ta' dawk il-proceduri hija l-istess sit li minnu s-socjetà Rikorrenti akkwistat sehem ta' 2/3 indivizi in forza tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 22 ta' Frar 2007, in kwantu l-konfini ma jaqblux mal-konfini indikati mill-istess socjetà Rikorrenti fir-Rikors promotur u min-Nutar Falzon fl-Avviz lill-Kummissarju tat-Taxxi.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk is-socjetà Rikorrenti ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li kuntrarjament ghall-konvinzjoni tal-Perit Cacopardo, konvinzjoni din kondiviza minn dan it-Tribunal, is-sit sitwat gewwa l-Fgura li minnu hija akkwistat sehem ta' 2/3 indivizi, ma kienx ben identifikabbli u konsegwentement ghalhekk ma rnexxilhiex tipprova b'mod sodisfacenti li l-istima tal-Perit Cacopardo u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 relattiva ghas-sehem ta' 2/3 indivizi tas-sit fabbrikabbli fi Triq il-Gizi kantuniera ma' Triq il-Liedna Fgura, minnha akkwistat mis-sahha tal-kuntratt fatat 22 ta' Frar 2007, huma eccessivi.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk it-Tribunal iqis li l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 ma huwiex gustifikat u b'hekk ma jisthoqqx li jigi milqugh.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-appell tas-socjetà Rikorrenti mill-Likwidazzjoni ta' Taxxa bil-Kont Nru. IV110481 u minflok jikkonferma l-istess imsemmija Likwidazzjoni ta' Taxxa.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**